**RAPPORT TAL-BORD TAL-APPELL**

Bord tal-Appell appuntat minn FONDAZZJONI GAL XLOKK, sabiex jevalwa l-eliġibilta' ta' applikazzjoni taħt Miżura Nru. 2 – *Strengthening a Healthy Cultural Identity*, mibgħuta mis- Sur. Antoine Sciberras, f'isem Mqabba FC Youth Nursery, imlaqqa llum il-Ħamis 21 ta' Novembru 2024, iffurmat mis-segwenti:

Is-Sra. Joan Haber – Chairperson

Is-Sur Salvatore Azzopardi – Membru

Is-Sur Leonard Falzon – Membru

Is-Sur Gerald Vella – Membru

Il-Bord ra d-dokumenti ppreżentati kollha u ra li:

- Klawżola 9 tal-Linji Gwida tal-Miżura Nru. 2 tispeċifika hekk: *"IMP: Applicants who have already benefited under one of the calls as part of the same measure may still apply under this call on the basis that they have presented the last claim for payment to the Paying Agency including all necessary documents. GXF will do the necessary checks with the PaYING Agency and will not tolerate any form of abuse."* Dan jistabilixxi b'mod ċar li l-eliġibilta' ta' applikazzjoni ġdida tiddependi, fost oħrajn, fuq jekk l-aħħar talba għal ħlas (*claim*) tal-proġett ta' qabel, taħt l-istess miżura, tkunx ġiet sottomessa għand l-Aġenzija għall-Pagamenti jew le.
- Id-data tal-għeluq sa meta setgħu jiġu aċċettati applikazzjonijiet kienet it-8 ta' Awwissu, f'nofsinhar. L-applikazzjoni ġiet sottomessa fis-6 ta' Awwissu, jumejn qabel id-data tal-għeluq. Biex din tkun eliġibbli, l-aħħar talba għal ħlas (*claim*) tal-proġett ta' qabel, taħt l-istess miżura, kellha tkun sottomessa għand l-Aġenzija għall-Pagamenti qabel din id-data.
- Il-*Project Closure Report*, li hu l-aħħar dokument li jiġi sottomess lill-GAL, wara li l-proġett ikun lest, u mħallas, iġorr id-data tal-21 ta' Lulju 2024;

- Tabella B tal-*Project Closure Report, Line Item 16757*, tiddikjara li 4 bankijiet tal-injam li kellhom jiswew €2,500.00 attwalment ġew jiswew €2,250.00. Dan juri stampa li, fid-data meta ġie ġġenerat il-*Project Closure Report,* ix-xirja kienet saret diġa, kif fil-fatt suppost kellu jkun.

Evalwa wkoll il-fatt li:

- *Adjudication Report*, li jinkludi x-xirja ta' dawn il-bankijiet, iffirmat mis-Sur Antoine Sciberras bħala Ko-ordinatur tal-Proġett, huwa datat 11 ta' Settembru 2024;
- L-*invoice* tal-istess bankijiet, maħruġa minn Tabone Enterprises (Malta) Ltd, bin-numru INV001399228, iġġorr l-istess data tal-11 ta' Settembru 2024;
- Id-dikjarazzjoni li tkun sottomessa flimkien mat-talba għal ħlas finali, li tiddikjara li l-proġett bin-numru tal-kuntratt 24007/285990/2023 lest, iffirmata mis-Sur Antoine Sciberras bħala *Project Leader*, f'isem Mqabba FC Youth Nursery, iġġorr ukoll l-istess data tal-11 ta' Settembru 2024;
- Wara talba mis-Sra. Madeline Micallef, fit-23 ta' Settembru 2024, fil-kapaċita' ta' *Programme Manager* GAL Xlokk, u *reminder* fit-30 ta' Settembru 2024, ġie kkonfermat permezz ta' *email* datata 30 ta' Settembru 2024, mibgħuta mis-Sra. Daniela Cassar, fil-kapaċita' ta' *Manager* fl-Aġenzija għal Pagamenti, li t-talba għal ħlas finali tal-proġett bin-numru tal-kuntratt 24007/285990/2023 kienet sottomessa fit-13 ta' Settembru 2024.

Jidher biċ-ċar li, għalkemm il-*Project Closure Report* hu datat 21 ta' Lulju 2024, u allura juri stampa li l-proġett kien lest qabel din id-data, madanakollu id-dokumenti l-oħra msemmija iktar il-fuq, speċifikament l-*Adjudication Report* u l-*Invoice* tal-bankijiet iġorru d-dati tal-11 ta' Settembru 2024. Dawn id-dokumenti huma relatati max-xiri tal-bankijiet, li huma parti ntegrali mill-proġett. Allura d-data tal-*Project Closure Report* ma setgħet qatt tkun qabel din id-data tal-11 ta' Settembru 2024 u hi skorretta. Fil-fatt, id-dikjarazzjoni li tkun sottomessa flimkien mat-talba għal ħlas finali stess tiddikjara dan, għax datata 11 ta' Settembru 2024. Iktar minn hekk, l-Aġenzija għal-Pagamenti kkonfermat li t-

talba għal ħlas finali tal-proġett bin-numru tal-kuntratt 24007/285990/2023 kienet sottomessa fit-13 ta' Settembru 2024.

Dan juri li meta ġiet sottomessa l-applikazzjoni l-ġdida, taħt l-istess miżura, fis-6 ta' Awwissu, l-aħħar talba għal ħlas (*claim*) tal-proġett ta' qabel, ma kinetx għadha ġiet sottomessa għand l-Aġenzija għall-Pagamenti. Fil-fatt din it-talba żgur ma setgħetx issir qabel ikun saru l-ħlasijiet kollha, fosthom tal-bankijiet li, biss biss, ġie identifikat il-kuntrattur permezz tal-*Adjudication Report*, fil-11 ta' Settembru 2024. Dan huwa konfliġġenti ma' Klawżola 9 tal-Linji Gwida tal-Miżura Nru. 2 u, għaldaqstant, il-Bord tal-Appell jiddikjara li l-applikazzjoni sottomessa fis-6 ta' Awwissu 2024 mhix eliġibbli.

Iffirmat illum, 21 ta' Novembru 2024

Is-Sra. Joan Haber

ID 58054G

Is-Sur Salvatore Azzopardi

ID 701252M

Is-Sur Leonard Falzon

ID 739162M

Is-Sur Gerald Vella

ID 550177M